**368. Il-Prim Ministru, l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici, jipproponi:**

Billi b'riżoluzzjoni tas-Seduta Nru. 138 tat-22 ta' Novembru 1983 il-Kamra tad-Deputati approvat li l-Gvern jikri u jagħti l-użu lill-Malta Football Association l-Istadium Nazzjonali Ta' Qali u faċilitajiet oħra;

U billi l-istess Assoċjazzjoni talbet li testendi l-perjodu tal-ftehim għal ħames snin oħra mid-data tal-iskadenza tal-kirja oriġinali;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Atrijiet tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħfil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-ftehim fuq imsemmi jiġi modifikat kif jirriżulta mill-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

**06.02.1987**